MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 356/2004

Kawza fil-lista: 34

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati b' digriet tas-26 ta' Awissu 2004 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil C B li jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

U premess illi l-konvenut nomine irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibli, stante li huwa hati versu l-attricita' ingurji gravi u abbandun, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

U premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istante permezz ta' Digriet appositu tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) digrieti numri 179/04 u 1009/04 hawn annessi u mmarkat Dok. CH1 u Dok. CH2.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut nomine il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut nomine kif fuq spjegat;
2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' l-konvenut nomine, u li taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut nomine lill-attrici limitatament ghall-perjodi fejn hija tispicca minghajr impjieg minhabba li tigi moghtija s-sensja jew ghal ragunijiet ta' sahha;

4. Tiddikjara li l-konvenut nomine iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

5. Tapplika kontra l-konvenut nomine l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici;

6. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u

porzjon lill-konvenut nomine *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv u tikkonferma l-istess kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut nomine jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix u tabita fid-dar matrimonjali as eskluzjoni tal-konvenut nomine u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

9. Tawtorizza lill-attrici terga’ tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe “D”.

Bl-ispejjez kollha u bil-konvenut nomine minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar il-quddiem.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut C B, assenti minn dawn il-Gzejjer, u dan ghar-ragunijiet

kontemplati fl-Artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 attribwibbli unikament lill-konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontradett li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Dicembru 1997, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Jirizulta li matul iz-zwieg l-attrici kienet ivversat lill-konvenut diversi somom ta’ flus biex jghin lill-familjari tieghu barra minn Malta. L-istess konvenut kien jghaddi hafna zmien barra minn Malta minghajr ma’ jghati manteniment lil martu l-attrici; anzi l-attrici tghid li l-paga tieghu kien jghaddiha, ad insaputa taghha, lil ommu barra minn Malta.

Mill-provi jirrizulta car li l-konenut ma kellhux l-intenzjoni li jghix il-hajja matrimonjali ma’ l-attrici, u di fatti l-konvivenza ta’ bejniethom kienet qasira hafna. F’ Settembru tas-sena 2003 huwa telaq minn Malta ghal kollox u abbanduna lill-attrici li sallum ghadha ma tafx fejn qighed zewgha. Fix-xhieda taghha tghid li hu kien izomm mistur fejn kien qieghed, anke fiz-zmien meta kien icempillha u dan ghal ftit minuti jekk mhux sekondi. L-attrici tghid ukoll li kien hemm okkazzjonijiet, qabel l-abbandun, li zewgha kien jghidlha li kien gej lura Malta, u filwaqt li hi kienet tmur tistennih l-ajruport, dana ma kienx jitfacca.

Il-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfiguraw is-sevizzi u l-ingurja gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu: sevizzi, ghax kien traskura lil martu kompletament u kien jikkonsidraha biss bhala fonti ta’ flus meta jkollu bzonn, ma kienx jghix maghha ghal diversi perijodi ta’ zmien u jahlliha minghajr manteniment u di piu’ kien jidhaq biha minghajr skuplu ta’ xejn. Barra minnhekk l-abbandun totali tal-mara tieghu minghajr gusta kawza jikkostitwixxi ngurja gravi fil-konfront taghha. Di piu l-fatt li sallum hija ma tafx fejn qieghed zewgha li kien telaq f’ Settembru 2003 jikkostitwixxi abbandun fit-termini ta’ l-Artikolu 41; u l-Qorti tikkonsidera opportun li f’ dan il-kaz tapplika l-intier tieghu d-dispost ta’ l-Artikolu 48 tal-Kap.16

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel u t-tieni talba attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi rigward il-komunjoni ta’ l-akkwisti l-attrici tghid li, ghajr ghajl-vettura Fiat Punto li kienet inxtrat waqt iz-zwieg u li kienet fil-maggjor parti taghha thasset mill-attrici, ma kienx hemm assi tal-komunjoni, ghajr ghad-djun li seta’ kien ghamel il-konvenut ad insaputa taghha.

**Manteniment**
Illi, il-konvenut bhala l-persuna unikament hatja tas-separazjoni personali ghandu jamministra retta alimentarja lill-attrici, kemm il-darba dina tisfa bla xoghol. Fil-fehma tal-Qorti, f’ dan il-kaz, stante li l-konvenut ghandu s-sengha ta’ welder, retta alimentarja pagabbli kull erba gimghat ta’ 35% ta’ kull introjtu, u beneficju socjali u pensjoni percepit mill-konvenut zewgha.
**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-assenti C B;

[2] tilqa’ t-tieni talba;

[3] tilqa’ t-tielet talba u tiffissa retta alimentarja ta’ hamsa u tletin fil-mija [35%] ta’ kull intoritu, beneficju jew pensjoni percepiti minn zewgha l-konvenut, pagabbli kull erba gimghat u jekk dina tisfa bla xoghol;

[4] tilqa’ r-raba talba;

[5] tilqa’ l-hames talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-Artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mit-30 ta’ Settembru 2003; u tiddikjara li d-dar Hanchris Triq il-Hagar Tarxien, proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, ma tibqa’ tigi kunsidrata aktar bhala d-dar

matrimonjali, u tordna li l-konvenut jallontana ruhu defenittivament minn dan il-fond; u li, s-sehem ta’ zewgha tal-vettura Fiat Punto registrata bin-numru DEC 020 jigi assenjat lill-attrici li ghandha ghalhekk tigi kunsidrata bhala proprjetarja shiha ta’ l-imsemmija vettura; tordna li kull dejn maghmul mill-konvenut ad insaputa ta’ l-attrici jigi assenjat kollu lilu esklussivament;

U tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana sabiex fl-edifizju tal-Qorti tircevi l-att opportun, u lill-istess kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci, u dan fi zmien xaharjen, f’ jum u hin fissat mill-istess nutar.

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba, stante li ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi proprjeta’ dotali jew parafernali ta’ l-attrici;

[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba stante li dak mitlub jinsab provdut fil-partita numru [6];

[9] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “D”;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------